**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Ġunju 2011 — ATB Norte vs UASI — Bricocenter Italia (BRICO CENTER Città)**

**(Kawża T-482/09)** [1]

*(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva BRICO CENTER Città — Trade marks Komunitarji figurattivi preċedenti ATB CENTROS DE BRICOLAGE Brico Centro u CENTROS DE BRICOLAGE BricoCentro — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)*

(2011/C 232/49)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* ATB Norte, SL (Burgos, Spanja) (rappreżentanti: inizjalment P. López Ronda, G. Macias Bonilla, H. Curtis-Oliver u G. Marín Raigal, sussegwentement F. Brandolini Kujman, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: O. Montalto u G. Mannucci, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Bricocenter Italia Srl (Rozzano, l-Italja) (rappreżentanti: G. Ghidini, M. Mergati u C. Signorini, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tat-28 ta' Settembru 2009 (Każ R 1047/2008-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn ATB Norte, SL u Bricocenter Italia Srl.

**Dispożittiv**

(1) *Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tat-28 ta' Settembru 2009 (Każ R 1047/2008-4) hija annullata sa fejn tilqa' l-appell ta' Bricocenter Italia Srl quddiem il-Bord tal-Appell dwar is-servizzi ta' “pubbliċità”, ta' “ġestjoni tat-tranżazzjonijiet kummerċjali” u ta' “amministrazzjoni kummerċjali”, msemmija fl-applikazzjoni għal trade mark Komunitarja.*

(2) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*

(3) *ATB Norte, SL, Bricocenter Italia u l-UASI huma kkundanati jbatu l-ispejjeż individwali tagħhom sostnuti matul il-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali.*

[1] ĠU C 24, 30.11.2010

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Ġunju 2011 — ATB Norte vs UASI — Bricocenter Italia (Affiliato BRICO CENTER)**

**(Kawża T-483/09)** [1]

*(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva Affiliato BRICO CENTER — Trade marks Komunitarji figurattivi preċedenti ATB CENTROS DE BRICOLAGE Brico Centro u CENTROS DE BRICOLAGE Brico Centro — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)*

(2011/C 232/50)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* ATB Norte, SL (Burgos, Spanja) (rappreżentanti: inizjalment P. López Ronda, G. Macias Bonilla, H. Curtis-Oliver u G. Marín Raigal, sussegwentement F. Brandolini Kujman, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: O. Montalto u G. Mannucci, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Bricocenter Italia Srl (Rozzano, l-Italja) (rappreżentanti: G. Ghidini, M. Mergati u C. Signorini, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tat-28 ta' Settembru 2009 (Każ R 1048/2008-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn ATB Norte, SL u Bricocenter Italia Srl.

**Dispożittiv**

(1) *Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tat-28 ta' Settembru 2009 (Każ R 1048/2008-4) hija annullata sa fejn tilqa' l-appell ta' Bricocenter Italia Srl quddiem il-Bord tal-Appell dwar is-servizzi ta' “pubbliċità”, ta' “ġestjoni tat-tranżazzjonijiet kummerċjali” u ta' “amministrazzjoni kummerċjali”, msemmija fl-applikazzjoni għal trade mark Komunitarja.*

(2) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*

(3) *ATB Norte, SL, Bricocenter Italia u l-UASI huma kkundanati jbatu l-ispejjeż individwali tagħhom sostnuti matul il-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali.*

[1] ĠU C 24, 30.01.2010